tkun tista' tisma' partita li qed tintlagħab f'Saturn, programm ta' diski minn Uranus, u l-aħbarijiet, min jaf b'liema lingwa, ta' Pluto. Ikun hemm servizz tal-posta, tat-telefon u tat-telegrafu biex inkunu nistgħu naqbdu ma' l-emigranti li jkunu jiġu minna mill-qrib. Ġurnalisti magħrufa jittajru 'l bogħod mid-dinja ħa jibdew joħorġu gazzetti għan-nies t'hemm fuq.

Ta' min jipprova jaħseb x'effetti ser ikun hemm fuq il-proża u l-poeżija, l-arti u l-filosofija. Diffiċli tgħid, għax xi problemi ser jinħolqu għadna ma nafux. L-anqas ma tista' tpinġi kwadru ta' kif ser tkun is-soċjetà ħlief li forsi tkun aktar miġnuna minn tal-lum.

Dak il-pass ta' Armstrong li mhux ħlief pass ta' tarbija għadha kif titlaq timxi għad irid isir akbar minn dak tal-ġgant Gulija. Tgħid ikun għall-aħjar tal-bniedem jew għall-agħar? Il-bniedem irid jibqa' jfittex. u donnu li ma' l-avventura spazjali qed jorbot il-possibiltà li jsolvi l-kriżi ta' identità li għaddej minnu. Tgħid ser ikun resaq xi ftit aktar lejn is-soluzzjoni wara li jagħmel passejn mdaqqsin sew?

---

## XRAR

**Ta' J. P. Vassallo**

Għal għaxar snin kont ommi,
Għal għaxar snin missieri,
Għal erbgħin sena marti,
Ħames snin sinċieri.
Għadda maħrub iż-żmien:
Għal ħames snin kont JIEN

* * *

Kien twajjeb, miet miskin u kiseb il-mistrieħ.
Il-kelba għadha tnewwaħ: ħaddieħor ġa insieħ.

* * *

Tisma' bil-qiegħda l-priedka — kollha għajnejn, widnejn,
It-tieba tagħha ddawwal fejn ma tifhem xejn.

* * *

Mqajjem: xidja, mqit, misħut, sabi ħażin.
Rieqed: b'rasu fuq driegħu donnu anġlu fin

* * *

Kien sid qalil u ħadd ma sata' bih.
Mejjet jinsab: ma nafx min sab mistrieħ

* * *



Bla ħerqa jħarsu ż-żgħażagħ, ħadd ma jagħti kas,
Ħadd ma jkemmex xofftu u ħadd ma jċaqlaq ras
Jaqilbu l-għajn il-kbar, joħorġu l-kundanna:
Insew ix-xjuħ il-ġnien, l-għadira u Susanna.

## IL-LUM

**Ta' Dwardu Zarb**

Meta dħalt ġo librerija pubblika fil-Kanada u hawn sibt kotba tal-letteratura Maltija.

Bl-imħabba għall-ilsien Malti
Ħassejt qalbi mimlija
X'ħin hawn, f'din l-art imbiegħda,
Kont dħalt ġo librerija.

Hawnhekk, eluf ta' mili
'Il bogħod minn art twelidi,
Sibt kotba b'ilsien arti,
Ilsien li nqisu ġidi.

Hawnhekk sibt l-ilsien Malti
Ħdejn dak tal-Ġappuniżi,
Taljani, Lhud, Spanjoli,
Franċiżi w Ungeriżi.

Għax ħuti, il-kitba tibqa'
U tasal fl-ibgħad art.
Li nsib kotba tal-Malti
F'din l-art qatt f'għomri bsart?

Il-lum ilsienna ħlejjù
Mirqum, ma jlumu ħadd:
Għandna letteratura
Magħrufa w ma tmut qatt.

Għalhekk mill-ġnus tad-dinja
Ilsienna hu studjat.
Kemm juri min imaqdru
Li medhi fil-frugħat!

**Toronto**